

Brussell, 9 ta' Novembru 2023  
(OR. en)

15229/23

STATIS 75  
SAN 647  
SOC 751  
EMPL 536  
EDUC 427  
DELECT 178

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	31 ta' Ottubru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2023) 7310 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 31.10.2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għad-dominju tas-saħħa

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2023) 7310 final.

Mehmuż: C(2023) 7310 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 31.10.2023  
C(2023) 7310 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 31.10.2023**

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill  
billi jispeċifika l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għad-dominju tas-saħħa**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### **1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT**

L-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati li jispeċifikaw l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għas-settijiet tad-*data* differenti.

Dan ir-Regolament Delegat ikopri l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għas-sett tad-*data* fid-dominju tas-saħħa.

### **2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT**

Waqt it-tnejn ta' dan l-att delegat, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjonijiet xierqa.

Ikkonsultat ma' esperti nazzjonali li ġew mistiedna għal-laqgħat tal-esperti biex jiddiskutu l-abbozz tal-att delegat. Id-diretturi Ewropej tal-istatistika soċjali ġew ikkonsultati wkoll bil-miktub bejn l-14 u t-18 ta' Marzu.

Ġie kkonsultat ukoll il-grupp ta' esperti li jirrappreżenta lill-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika.

Il-Kummissjoni żammet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill infurmati kif xieraq dwar il-konsultazzjonijiet.

### **3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT**

Dan ir-Regolament Delegat propost għandu l-għan li jadotta l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għas-sett tad-*data* fid-dominju tas-saħħa, f'konformità mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2019/1700.

F'konformità mal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2019/1700, l-għadd tal-varjabbli f'dan l-att delegat ma għandux jaqbeż, b'aktar minn 5%, l-għadd tal-varjabbli għad-dominju tas-saħħa ta' dawk diġà mitluba, b'mod obligatorju, mill-Kummissjoni (Eurostat) fit-3 ta' Novembru 2019.

L-att delegat ma għandu l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit tal-UE.

Jikkonċerna kwistjoni relatata maż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u għaldaqstant l-applikazzjoni tiegħu jenħtieġ li tiġi estiża għaż-ŻEE.

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 31.10.2023

### li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għad-dominju tas-saħħa

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Istħarriġ Ewropew dwar is-Saħħa permezz ta' Intervisti (EHIS) hu stħarriġ tal-popolazzjoni ġenerali fil-qasam tas-saħħa li jipprovdi informazzjoni statistika dwar l-istatus tas-saħħa, id-determinanti tas-saħħa, u l-attivitajiet tal-kura tas-saħħa fl-Unjoni. Hu sors ta' referenza ewlieni tal-Unjoni għall-politiki bbażati fuq l-evidenza u relatati mas-saħħa, inkluż dawk dwar l-inklużjoni u l-protezzjoni soċjali, l-istili tal-ħajja sana, it-tixjijiet u l-benesseri sani, l-inugwaljanzi tas-saħħa, l-aċċess għall-kura tas-saħħa, u l-kwalità tas-servizzi tal-kura tas-saħħa.
- (2) Biex jiġu koperti l-ħtiġijiet identifikati fit-temi dettaljati rilevanti, il-Kummissjoni jenħteġ li tispeċifika l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għas-sett tad-*data* fl-EHIS.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2019/1700, l-għadd tal-varjabbli f'dan ir-Regolament Delegat ma għandux jaqbeż, b'aktar minn 5%, l-għadd tal-varjabbli għad-dominju tas-saħħa ta' dawk diġà mitluba, b'mod obbligatorju, mill-Kummissjoni (Eurostat) fit-3 ta' Novembru 2019.

-

<sup>1</sup> ĠU L 261 I, 14.10.2019, p. 1.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-għadd u t-titoli tal-varjabbli għas-sett tad-*data* fid-dominju tas-saħħa huma stabbiliti fl-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 31.10.2023

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Ursula VON DER LEYEN*